Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Mag Juris (Eur Law)

Il-Pulizija

(Spettur Paul Bond)

vs

Christopher Dalli

Illum 14 ta' Marzu, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Christopher Dalli, iben Andrew u Marianne mitwielda Galea, imwieled Pieta fis-7 ta' Jannar, 1980 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 37880M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli :

Nhar is-Sibt 26 ta' Frar, 2000 waqt li kien fil-fabbrika maghrufa bhala IDM li qeghda go Triq il-Kummerc, Qormi, ikkommetta serq ta' cables tal-wires, pumijiet tal-ghamara u cappetti tal-ghamara li l-valur jaccedi l-LM100 izda inqas minn LM1,000 liema serq hu aggravat bil-persuna u lok ghad-dannu tal-Propjetarju Mario Rickard, Mario Fenech, Steve Borg u Tonio Bartolo;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat il-verbal tal-24 ta' Jannar, 2002 fejn l-Ufficjal Prosekutur irtira l-aggravju tal-valur;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fis-26 ta' Frar, 2000 certu Raymond Calleja, General Manager tal-fabbrika IDM li

qeghda fi Triq il-Kummerc Hal-Qormi informa lill-pulizija li kien ghadu kif qabad lil xi hadd mill-impjegati u precizament lill-imputat fuq imsemmi jisraq xi oggetti u johroghom mill-imsemmija fabbrika.  Kien ghalhekk illi l-Ispettur Bond flimkien ma PS1219 Charles Zammit accedew fuq il-post in kwistjoni u hemm hekk kellmu lil Raymond Calleja li qalilhom li dakinhar, aktar kmieni filghodu kien qaghad ghassa ghaliex kellu suspett fl-imputat u ra lill-imputat johrog barmil taz-zibel u minn gol-barmil taz-zibel rah johrog kaxxi bl-oggetti tal-fabbrika u rah jitfahom fil-vettura tieghu Renault Cleo numru tar-registrazzjoni BAB 081.  Ghalhekk huwa zamm lill-imputat hemm hekk sa kemm marru l-pulizija fuq il-post.

Illi l-Ispettur Bond tkellem mal-imputat u l-imputat fetahlu l-‘luggage booth’ tal-vettura tieghu fejn hemm hekk l-Ispettur Bond sab l-oggetti illi gew esebiti f’dawn l-atti. Kien hemm effettivament erbgha rollijiet wire tal-‘cable’, kaxxa bil-pumijiet tal-ghamara u kaxxa ohra b’diversi cappetti.  L-Ispettur Bond xehed illi l-imputat fuq imsemmi ammetta mieghu illi l-oggetti in kwistjoni kien harighom hu stess mill-fabbrika ghaliex kien jahdem hemm hekk bhala ‘store-keeper’ u ammetta mal-Ispettur Bond illi tefa dawn l-oggetti  fil-‘luggage booth’ tal-vettura tieghu.  Fil-fatt l-

imputat fuq imsemmi irrilaxxja stqarrija f'dan is-sens, liema stqarrija tinsab esebita a fol. 12 tal-process.

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi effettivament l-imputat seraq l-oggetti in kwistjoni u dana peress illi huwa hareg l-oggetti mill-istore minghajr il-kunsens ta' sidhom u tefahom fil-'luggage booth' tal-vettura tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti wara illi rat l-Artikoli 261 (d), 261 (e), 268, 269 u 281 tal-Kap. 9 issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena l-Qorti qieset il-fatt illi r-refurtiva giet rikuperata mill-Prosekuzzjoni u fil-fatt fil-mori ta' din il-kawza giet mghoddija lil sidha. Ikkunsidrat ukoll illi l-imputat qieghed jaghmel programm mal-Caritas u fil-fatt mix-xhieda ta' Karm Borg moghtija fl-10 ta' April, 2001 jirrizulta illi l-imputat qieghed jaghmel programm b'mod volontarju u kollox huwa miexi sew. Huwa ghamel kors fil-catering tal-ETC u fil-fatt illum il-gurnata, kif jaqbel ukoll l-Ufficjal Prosekutur, l-imputat huwa impjegat 'full-time' bhala dulcier fil-hanut Sweet Source, Attard. Ghaldaqstant il-Qorti tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk

l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex ikompli miexi f'din it-triq it-tajba illi jidher illi qabad u ghaldaqstant ma tqisx li piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut. Ghaldaqstant wara illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 filwaqt illi tillibera lill-imputat tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum u qeghda taghmel ukoll ordni ta' 'probation' li permezz tieghu hija qeghda tqieghed lill-hati Christopher Dalli taht is-sorverjanza tal-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi fir-rigward ta' din is-sentenza u tiddikjara ukoll illi spjegatlu illi jekk huwa jonqos li joqghod ghal kull ordni illi taghtih l-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit huwa jista jigi ikkundannat ghar-reat originali.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din l-ordni ta' probation tinghata minnufih lill-Ufficjal Marianne Zammit.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur